SAN LAWRENZ

Il-Minuti tas-seba' u erbgħin laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz li nżammet nhar il-Ġimgħa 14 ta' Jannar 2011 fit-8:30 ta' filgħodu fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali San Lawrenz .

***Preżenti:***

*Sindku:* Noel Formosa

*Viċi-Sindku:* Anthony Formosa

*Membri:* Luigia Grima
John Mercieca
Joseph Sultana

*Segretarju Eżekuttiv:* Lucienne Haber

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

2.0 Inqraw il-minuti u ġew approvati.

3.0 **<u>Korrispondenza</u>**

3.1 Ġiet trattata l-ittra mingħand il-Kummissjoni Ewropea fejn ikkonfermaw li l-lokalita' ta' San Lawrenz intgħazlet sabiex tkun it-test city għal Malta mill-RFSC (Reference Framework for Sustainable Cities). Għal dan il-għan ser issir il-Launcing Event fi Brussels nhar il-15 u 16 ta' Marzu 2011 li għaliha huma

mistiedna żewġ persuni mill-Kunsill tagħna. Il-ħlas ta' persuna minnhom ikun kollox inkluż. F'dan ir-rigward il-Kunsill qabel li għandu jmur is-Sindku Noel Formosa flimkien mal-Perit Chris Falzon li kien hu li fassal l-istudju li permezz tiegħu San Lawrenz ġie magħżul għal dan it-test.

3.2 Giet trattata ittra minghand Net TV dwar il-possibilta' li jsir programm dwar progetti tal-Unjoni Ewropea li qed jamministra l-Kunsill. Il-Kunsill qabel li ghandu jaccetta din l-istedina u li preżentament għandu jipproċedi bil-proġett tal-knisja u aktar il-quddiem għandna nitkellmu dwar il-proġett 323.

3.3 Ġiet trattata l-Memo mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali dwar Festa Ġemellaġġi 2011 u l-konferenza marbuta magħha li ser issir f'Malta f'April li ġej. Għal din il-konferenza huma mistiedna ħames parteċipanti mill-Kunsill. Sar qbil li għandhom jiġu reġistrati l-ħames kunsilliera u jiġu nfurmati t-taljani ta'Colle Umberto u ta' Marciano Marino biex jieħdu sehem.

3.4 Ġiet trattata ittra mingħand il-Birdlife fejn talbu sabiex issir laqgħa mal-Kunsill rigward l-insib. Il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa' ma xi rapprezentanti tagħhom mingħajr ma jikkometti ruħu.

## <u>4.0 Upraisal tal-Performance Bonus tal-Impjegati</u>

4.1 Is-Sindku ressaq l-*upraisal* tal-*performance bonus* tal-impjegati għas-sena 2010 quddiem il-kunsilliera għall-approvazzjoni tagħhom. Kien hemm qbil unanimu li dan jingħata fil-massimu kollu tiegħu.

**5.0 Htieġa ta' bozza fi Triq it-Torri**

5.1 Is-Sindku semma' t-talba li daħlet fi ħdan l-uffiċju tal-Kunsill sabiex issir bozza oħra fi Triq it-Torri preferabilment ma' arblu li jinsab quddiem ir-residenza ta' Serafin Formosa peress li f'dawk l-inħawi hemm ħafna dlam. Sar qbil li għandna mmorru fuq il-post mal-Inġinier Mario Galea u jara eżatt fejn hi meħtieġa.

6.0 Approvazzjoni tal-pagamenti

6.1 Tressqet l-iskeda tal-pagament li hawn annessa ma' dawn il-minuti għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-pagamenti ġew approvati sabiex jitħallsu.

7.0 Materji ohra

7.1 Sar qbil li fl-avviż tal-Kunsill li jmiss għandna noħorgu avviż fejn infakkru lill-anzjani fis-servizz li qed jingħata fid-Day Centre f'Għajnsielem biex inħegguhom jattendu.

7.2 Il-Kunsill iddiskuta l-possibilita' li Triq Wied Merill tiġi tinfed ma' Triq Nicholas Monsarrat. Sar qbil li għandna nressqu talba uffiċjali quddiem il-President ta' Malta sabiex tigi esproprjata biċċa għalqa biex issir triq ġdida.

7.3 Il-Kunsillier John Mercieca rrefera għat-talba sabiex passaġġ fir-raba jsir bil-konkrit . Huwa semma' li hemm individwu li talbu jġib il-kunsens tal-Kunsill bil-miktub li l-Kunsill ma jsibx diffikulta li dan il-passaġġ isir. Sar qbil li l-Kunsill ma jistax jagħti kunsens bil-miktub lil persuna ma jafx m'inhi u jekk ix-xogħol li

ser isir hux legali. Sar qbil li f'dan ir-rigward għandna nerġgħu nirreferu din it-talba lis-CMU biex ix-xogħol meħtieg isir minn naħa tagħhom.

7.4 Ġie deċiż wkoll li peress li ser jinbdew ix-xogħolijiet fi Triq San Lawrenz, ikun xieraq li tingħata l-aħħar kisja lil triq il-Wileġ.

Il-laqgħa ntemmet fl-10:30 ta' filgħodu.

| | |
|---|---|
| Noel Formosa | Lucienne Haber |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |